**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spetturi Josric Mifsud/Sandro Zarb)

**vs**

**Ahmed Masud Ahmed**

Illum 2 ta` April 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Ahmed Masud Ahmed ta` 21 Sena, bin Masud u Arusija nee` Ahmed, imwieled Tripoli fit-23 ta` Frar 1981, u joqghod fi Triq Enrico Mizzi, Gzira, u li ghandu passaport Libjan bin-numru 021783, mahrug fi Tripoli fl-14 ta` Jannar 1999, talli f` dawn il-Gzejjer, fid-29 ta` Marzu 2002 u fiz-zmien ta` qabel, gol-Gzira, u fi bnadi ohra f`Malta, f`hinijiet differenti:

Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina, kif specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienx fil-pussess ta1-Awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b`xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollu id-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Talli f`dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta` Marzu 2002, u fiz-zmien ta` qabel, gol-Gzira u fi bnadi ohra f`Malta, f`hinijiet differenti:

Talli matul dawn l-ahhar xhur, minghajr ma nghata permess ta` residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficcjal Principali tal-Immigrazzjoni

Rat li fis-seduta tal-lum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati;

Rat il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta, u r-Regolament 8 tar-Regoli 1939 (GN 292/1939) il-Kapitolu 217 u l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Stante l-kondotta nadifa tal-akkuzat, u stante li kkoopera bis-shih mal-Pulizija, ser tapplika l-ahhar imsemmi Artikolu.

Ghalhekk tikkundanna lil akkuzat **sena prigunerija liema sentenza m`ghandhiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat fi zmien erba` (4) snin mill-lum jaghmel reat iehor suggett ghal prigunerija u qed taghti lill-hati t-twissijiet skond il-ligi.**

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kapitolu 217, tilqaghha, u tiddikjara lill-hati **immigrant ipprojbit u tordna l-hrug kontrih ta` Ordni ta` Tnehhija.**

Billi ma saret ebda prova dwar spejjez ta` hatra ta` esperti tichad l-ahhar talba tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-dokument ‘D’ a kura ta` l-Ispizjar Mario Mifsud.

Vera kopja.

| | |
|---|---|
| L. Spiteri Bailey | (ft) Dr Joseph Cassar |
| Dep. Reg. | MAGISTRAT |